# IS- 'SETTE GIUGNO', IL-FLORIANA U L-PARROĊĊA TA' SAN PUBLJU

STORJA

Kitba ta' Nigel Holland

Tul il-ħakma tagħhom f'Malta fuq medda ta' 179 sena l-Ingliżi mhux darba u tnejn ġew f'konflitt politiku mal-poplu Malti, l-aktar mal-partiti u l-movimenti politiċi li jirrappreżentawh, iżda darba waħda biss kien il-każ meta t-tensjonijiet politiċi wasslu anki għal telf ta' ħajja, anzi, ta' numru ta' ħajjiet.

Dan ġara fis-7 ta' Ġunju, 1919 - magħruf sallum bħala s- 'Sette Giugno' - u anki l-għada 8 ta' Ġunju, meta l-iskuntentizza tal-poplu laħqet il-quċċata tagħha u wera l-għadab tiegħu bi protesti l-aktar fit-toroq tal-Belt Valletta li f'ħin minnhom iddeġeneraw f'irvellijiet li kellhom tmiem fatali.

Fil-ktieb tiegħu 'Ir-rivoluzzjoni Maltija ta' l-1919: ħarsa mill-qrib lejn il-ġrajjiet storiċi tas- 'Sette Giugno', l-istoriku Furjaniż Henry Frendo jgħidilna li "It-tfaqqigħa tas-7 ta' Ġunju seħħet minħabba għadd ta' kawżi. Xi waħdiet minn dawn il-kawżi kien ilhom jeżistu bosta snin, u kienu, biex ngħid hekk, l-isfond li fuqu mbagħad dehru l-kawżi l-ġodda. Waqt li l-kawżi l-qodma kien qishom is-silla li turik mnejn qed jonfoħ ir-riħ, il-kawżi l-ġodda kienu l-ġamra li waqgħet fuq il-ħuxlief u li, fiċ-ċirkustanzi, ma setgħetx ma tqabbadx il-ħuġġieġa." Il-kawżi qodma u ġodda kienu kemm soċjali, politiċi kif ukoll reliġjużi. Fost il-problemi soċjali Frendo jsemmi ".... in-nuqqas ta' djar xierqa..." li "... kien jinħass l-aktar fil-bliet u s-subborgi tagħhom." u jkompli li "l-agħar post kien il-Furjana, fejn fis-sena 1891, kienu jgħixu 1,249 ruħ f'241 kamra biss, jiġifieri, ras għar-ras, ftit aktar minn ħames persuni f'kamra waħda."[1] Jidher li l-problema ta' djar diċenti hija endemika għall-Floriana għax Frendo jgħidilna wkoll li "Fl-1921, wieħed minn kull ħamsa min-nies tal-belt u tal-Furjana kienu joqogħdu f'kerrejiet". Problemi soċjali oħra li kienu qed jagħfsu fuq il-poplu Malti kienu l-iġjene, is-saħħa, l-edukazzjoni u n-nuqqas ta' xogħol li miegħu kien iġib l-għaks. Mat-tmiem l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914 - 1918) żdied sew il-qgħad, għax l-ekonomija Maltija kienet tiddependi ħafna fuq l-attività militari Ingliża l-aktar fi żminijiet ta' gwerra, u l-ħajja bdiet togħla sew, speċjalment fir-rigward tal-ħobż li minn dejjem kien l-ikel bażiku tal-poplu Malti. Il-Gvern ipprova jipproteġi l-ħaddiema u l-fqar minn dan l-impatt negattiv b'miżuri li messew il-but tas-sinjuri u anki l-Kleru. L-istudenti universitarji wkoll kienu qed jaġitaw minħabba li kellhom kwistjoni fuq il-lawrji. Insomma ħallata ballata ta' interssi u lmenti anki diametrikament opposti għal xulxin, mill-istrata kollha tas-soċjetà Maltija u jagħmel x'jagħmel il-Gvern quddiem din il-kriżi ma seta' jikkuntenta lil ħadd. Dan il-ferment kollu kien qed iseħħ ukoll fl-isfond tat-twaqqif ta' Assemblea Nazzjonali, li kienet itlaqqgħet għall-ewwel darba ftit xhur qabel is- 'Sette Giugno', eżattament fil-25 ta' Frar, 1919, u li kellha bħala għan primarju aktar libertajiet politiċi għall-Maltin. Għaldaqstant l-Assemblea u l-ġrajjiet tas-7 ta' Ġunju, 1919 huma intriċċati flimkien għax permezz tal-ħolqien ta' dina l-Assemblea fil-pajjiż kienet qiegħda tinħass arja qawwija nazzjonalistika u patrijottika u, magħdud magħha, l-iskuntentizza ġenerali u t-tbatijiet tan-nies komuni, wasslu biex is-sentiment anti-Ingliż f'dak il-mument kien wieħed għoli u għolja kienet it-tensjoni politika li kellha tiżbroffa fil-protesti popolari ta' dakinhar.



Il-monument tal-vittmi li mietu fis- 'Sette Giugno' 1919

Fuq nota aktar ġenerali irid jingħad li t-twaqqif ta' l-Assemblea Nazzjonali fl-1919, li eventwalment wassal għall-ewwel Parlament Malti, kien pass deċiżiv fil-mixja kostituzzjonali lejn l-eventwali awtonomija politika sħiħa ta' Malta mir-Renju Unit li laħqet il-milja tagħha bl-Indipendenza u t-twelid ta' Malta bħala pajjiż sovran fl-1964, fil-lejl memorabbli ta' l-20 u l-21 ta' Settembru, fl-Arena ta' l-Indipendenza fil-Floriana.

Protagonist ewlieni f'dan l-iżvilupp kostituzzjonali ta' dimensjoni daqstant importanti kien il-Furjaniż u patrijott kbir Malti Sir Filippo Sceberras u hawn inħoss li għandi niffoka ftit fit-tul fuqu għax huwa Furjaniż ieħor li għandna nkunu kburin bih qatigħ għall-kontribut fejjiedi tiegħu lejn il-poplu Malti.



**Sir Filippo Sceberras**

Filippo Sceberras twieled f'dik li llum insibuha Tal-Pietà fit-18 ta' Settembru, 1850. Tal-Pietà dak iż-żmien kienet tagħmel parti integrali mill-Floriana u ċ-ċkejken Filippo tgħammed dakinhar stess fil-Knisja Parrokkjali ta' San Publju. Kif rajna, fl-1919, kienet mlaqqgħa Assemblea Nazzjonali. Din kienet saret fuq inizjattiva ta' Filippo Sceberras bil-għan li tikkonvinċi jew iġġiegħel lill-kolonizzaturi Ingliżi biex jikkonċedu awtonomija politika u għalhekk ukoll gvern awtonomu magħmul minn Maltin għall-gżejjer Maltin, dak li komunement huwa magħruf bħala 'self government', għalkemm dan ma kienx ifisser li Malta kienet ser tinfatam għal kollox mir-Renju Unit.

Ġa għidna li l-ħidma ta' din l-Assemblea, u nżidu, anki d-demm li xerrdu l-vittmi tas- 'Sette Giugno' taw il-frott tagħhom, u f'Novembru 1921 ġie inawgurat l-ewwel Parlament Malti mill-Prinċep ta' Wales li aktar tard sar, għall-perjodu qasir, ir-Re Dwardu VIII. F'din l-okkażjoni Filippo Sceberras ġie onorat b'kavallerat.



Sir Filippo Sceberras

Fil-ktieb tiegħu 'Final Focus on Floriana' il-Furjaniż Emmanuel S. Tonna jgħidilna li Sir Filippo kien maħbub minn kulħadd. Kien bniedem magħruf mal-gżira kollha u li kieku ma kienx għall-kwalitajiet tiegħu rikonoxuti minn kulħadd ma kienx ikun possibbli għalih li jiġbor madwaru tant nies minn klassijiet u veduti differenti biex iwaqqaf l-Assemblea Nazzjonali.

R. Farrugia Randon fil-ktieb tiegħu 'Sir Filippo Sceberras : his life and times' jgħidilna li wara li martu Teresa mietet fid-dar tagħhom f'Mejju 1928, Filippo waqa' f'dipressjoni, minkejja ż-żjarat ta' kuljum minn uliedu bniet u l-familji tagħhom. Sar dejjem joqgħod aktar ġewwa u kien joħroġ biss kultant, speċjalment sal-ġonna tal-Mall fil-Floriana fejn kien joqgħod. Hawn, ħafna mid-drabi akkompanjat min-neputi tiegħu Herbert Ganado, kien ipoġġi u joqgħod jitkellem mal-ħbieb antiki tiegħu.

Sir Filippo Sceberras miet ftit xhur wara martu, fid-dar tiegħu f'Strada Mercato 69 (69, Triq is-Suq) fit-28 ta' Awissu, 1928 fl-età ta' 78 sena. Fit-30 ta' Awissu kien sarlu funeral ta' natura nazzjonali u Farrugia Randon jgħidilna li l-korteo, bit-tebut mgħotti bil-bandiera Maltija, ħalla d-dar tiegħu fil-5.30 p.m. u baqa' sejjer sal-Bieb tal-Bombi wara li għadda minn Triq il-Kapuċċini u Triq Sant' Anna. Mill-Bombi l-funeral kompla bil-karozza saċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.

Il-poplu Malti maż-żmien ried juri r-rikonoxximent tiegħu lejn dan il-bniedem bit-twaqqif ta' monument iżda kienu l-Furjaniżi li ħadu l-inizjattiva permezz tal-Floriana Civic Committee [2] li fl-1963 kien ifforma sotto-kumitat taħt il-presidenza tal-Konti Sir Luigi Preziosi. Wara l-mewt ta' Sir Luigi fl-1965, il-presidenza ta' dan is-sotto-kumitat għaddiet għal għand ibnu, il-Konti Dr Frans Preziosi.

Farrugia Randon jagħtina l-ismijiet ta' l-aħħar kumitat li kien ġie istitwit għat-twaqqif tal-monument li minbarra l-president il-Konti Frans Preziosi kellu bħala membri wkoll lill-Arċipriet tal-Floriana Dun (illum Monsinjur Arċidjaknu u Vigarju Ġenerali Emeritus) Carmelo Xuereb (viċi-president); is-Sur Fredrick Darmanin (segretarju); is-Sur Emmanuel Tonna (teżorier); il-Prof. V. Caruana Galizia (membru); il-Perit Roger Degiorgio (membru); il-Prof. Walter Ganado (membru) u s-Sur W. Orr (membru). Il-monument kien xogħol il-Kav. Prof. Vincent Apap u sar fil-bronz minn Francis Abela and sons ta' Blata l-Bajda.


Anno Dni 1850. Die 18. Septemb.
1497. Rev. D. Em. Borg. Vicep. bapt. infan. hodie natum ex Illmis Dnis Gotfredo Xiberras, et Anna Vella conjug: cui impos. est nomen Philippus Renaldus Marius Carmelus Michael Antonius Annetus Publius:
Philippus Xiberras.
Patrini fuerunt Dni Salvator Vella fil. Joan. Bttae, de Civ. Valletta et Dna Michaela Mangion fil. qdm Ignatii de hac Para

L-okkorrenza tal-Magħmudija ta' Filippo Sciberras fir-Reġistru Parrokkjali

Kien inkixef f'Il-Mall fl-4 ta' Mejju, 1967 fil-preżenza ta' waħda miż-żewġt ibniet tiegħu, is-Sinjur Ida Randon. It-tifla l-oħra s-Sinjura Bianca Ganado ma setgħetx tattendi għax kienet

l-isptar. Minkejja dan, iż-żewġ familji Randon u Ganado kienu preżenti biex jaraw lin-nannu distint tagħhom onorat. Dr Borg Olivier, il-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, qabel ma wettaq iċ-ċerimonja tal-kxif stieden lis-Sinura Ida Randon li kellha 85 sena, biex takkompanjah u qagħdet maġenbu waqt li kixef il-monument, li kien ġie mgħotti b'bandiera Maltija. Dan kien ġest li ġie milqugħ tajjeb minn dawk preżenti, li fosthom kien hemm il-Gvernatur Ġenerali Sir Maurice Dorman u Lady Dorman u l-Eċċ. Tiegħu l-Arċisqof Mons. M. Gonzi.

Aktar xhieda ta' kemm Sir Filippo Sceberras ġustament kien igawdi stima kbira mill-konċittadini Furjaniżi tiegħu kienet li anki kien ġie maħtur President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena u sallum għad hemm ritratt tiegħu fis-sala ewlenija tal-każin.

Barra minn hekk, Farrugia Randon jgħidilna li s-Soċjetà Filarmonika Vilhena kienet anki ħadet l-inizjattiva fl-1948 li tibgħat ċirkulari lill-assoċjazzjonijiet varji fejn talbithom jingħaqdu fil-formolazzjoni ta' talba lill-Gvern għat-twaqqif ta' monument, iżda xejn ma kien ħareġ dak iż-żmien minn din l-inizjattiva.

**Nixtieq nirrimarka hawn li, minn dak li rajna hawn fuq, aħna l-Furjaniżi tal-lum għandna nieħdu tagħlima kemm il-Furjaniżi ta' qabilna kellhom sens ċiviku għoli u dan huwa rifless fl-inizjattivi meħuda mis-Soċjetà Filarmonika Vilhena u l-Floriana Civic Committee biex jonoraw konċittadin Furjaniż li għamel isem għalih, għall-Floriana u għal Malta.**



Il-Monument fil-ġnien tal-Mall

Fil-Floriana ngħata aktar ġieħ lil Filippo Sceberras bit-tismija ta' pjazza għalih, għalkemm f'dawn l-aħħar snin ma baqgħet pjazza xejn għax telgħet binja fih, liema binja wkoll iżda ġġib ismu.

Lura għas- 'Sette Giugno', l-Assemblea Nazzjonali kellha tiltaqa' dakinhar tas-7 ta' Ġunju, għat-tieni darba fis-sede tal-*Giovine Malta* fil-Belt. Frendo jgħidilna li "Kien għall-ħabta ta' l-erbgħa u nofs ta' wara nofs in-nhar li wasal it-tabib Filippo Sceberras fost iċ-ċapċip tal-folla wisq akbar minn dik tal-25 ta' Frar."

Wara ftit bdew id-dimostrazzjonijiet li kellhom iwasslu għal tmiem traġiku. Ġew attakkati diversi propretajiet ta' persuni li l-folla ħasset li kienu jaqdu l-interessi ta' l-Ingliżi b'detriment tal-poplu Malti. Fl-aħħar tal-ġurnata kienu tilfu ħajjithom b'tiri mill-azzarini tas-suldati Ingliżi Manuel Attard minn Tas-Sliema, Ġużè Bajada, Għawdxi, u Wenzu Dyer mill-Birgu. L-għada, it-8 ta' Ġunju f'inkwiet ieħor li nqala' tilef ħajtu Karmenu Abela mill-Belt wara li suldat nifidlu żaqqu b'bajjunetta. Frendo jiċċita lil Gerald Azzopardi li f'*L-Orrizont* tal-5 ta' Ġunju, 1970 kiteb li Abela ittieħed l-iSptar Ċentrali fil-Floriana fejn miet tmint ijiem wara, fis-16 ta' Ġunju. Frendo ikompli "Skond il-ktieb "I Morti del 7-9 Giugno" ta' A. Scicluna Sorge, ippubblikat biss għaxar snin wara s-7 ta' Ġunju, il-mejtin kienu b'kollox sitta, għax tnejn oħra, Ċikku Darmanin u Toni Caruana, mietu fl-isptar ftit wara". Fit-8 ta' Ġunju, 1919 ġie fformat il-*Comitato Nazionale pro Maltese morti e feriti il 7 e 8 Giugno* (Kumitat Nazzjonali għall-Maltin mejta u feruti fis-7 u t-8 ta' Ġunju). Farrugia Randon jiċċita wkoll mill-ktieb ta' A. Scicluna Sorge u jgħidilna li fir-raba' laqgħa li saret fit-18 ta' Ġunju, Filippo Sceberras kien propost bħala President Onorarju ta' dan il-Kumitat. Sceberras kien aċċetta b'ittra datata il-21 ta' Ġunju.

**Tidħol fl-istorja l-Parroċċa ta' San Publju**

Rajna li dawk maqtula fis-7 ta' Ġunju, 1919 kienu Wenzu Dyer, Ġużè Bajada u Manuel Attard. L-iġsma ta' dawn il-persuni, li saru meqjusa bħala eroj nazzjonali, mill-Belt fejn ġew maqtula, ittieħdu fl-iSptar Ċentrali fil-Floriana. Hawnhekk daħlet fl-istorja l-parroċċa ta' San Publju tal-Floriana għax kien l-Arċipriet tal-Floriana Francesco Mallia li akkompanja lill-mejtin, li l-funeral tagħhom sar wara nofsinhar ta' jumejn wara, lejn iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata f'Paola segwiti minn folla kbira. Minħabba f'hekk dawn il-protagonisti tas- 'Sette Giugno' sabu ruħhom imniżżlin fir-Reġistru tal-Mejtin tal-parroċċa tagħna.

Jispikka fir-reġistrazzjoni ta' dawn it-tliet persuni l-mod iddettaljat li bih ġie deskritt il-manjiera u ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-mewt tagħhom. Il-kitba tixhed li min kien qed jikteb dawn l-okkorrenzi, jiġifieri l-Arċipriet Francesco Mallia, kien qed iħoss ċerti emozzjonijiet nazzjonalistiċi

u patrijottiċi qawwijin bħalma kienet qed tħoss parti kbira mill-poplu Malti f'dak il-mument storiku. Nistgħu nieħdu l-estratt tar-reġistrazzjoni ta' l-imsejken żagħżugħ Wenzu Dyer bħala eżempju għax ir-reġistrazzjoni ta' l-oħrajn hija simili.

**(Estratt)**
Anno millesimo nongentes: decimonono (1919) die septima (7) Junii Dyer Laurentius, annor: 17, filius caelibs Henrici Dyer et Euphemiae Galea conj: ortus et degens Victoriosae, intuendis patris juribus, inermis, occubuit igne armorum militum Anglorum de Cohorte West Yorkshire Vallettae in Platea S. Giorgii, Extrema Unctione munitus. Corpus ejus ad Hospitio Centrali Florianae, perendie postmeridiem una cum aliis duobus eodem fato percussis, sequitum multitudine nimis ingenti populi, delatum fuit in Coem: D.B.M.V. a me Fran. Mallia Archipo. et Parocho Florianae, et persolutis exequiis a Rmo Dno Fr. A. Portelli O.P. Epo tit. Selinontis, humatum fuit in sepo. N18 Comp. A. Sect H. Div. Ponente.

**(Traduzzjoni bil-Malti)**
Fis-sena elf disa' mija u dsatax (1919) fis-seba' jum (7) ta' Ġunju, Dyer Lawrenz, snin: 17, iben ġuvni tal-koppja miżżewġa Neriku Dyer u Ewfemia Galea: mitwieled u jgħix fil-Birgu, filwaqt li wieġeb għas-sejħa tad-drittijiet indifiżi ta' l-antenati tiegħu, waqa' taħt in-nar ta' l-azzarini tas-suldati Ingliżi tar-Reġiment West Yorkshire fil-Belt fi Pjazza San Ġorġ, ikkkonfortat bil-Griżma tal-Morda. Il-ġisem tiegħu mill-iSptar Ċentrali tal-Floriana, wara nofsinhar ta' jumejn wara flimkien ma' tnejn oħra li ntlaqtu mill-istess destin, (u) akkompanjati minn folla kbira ferm, ġie trasferit lejn iċ-Ċimiterju ta' Santa Maria Addolorata minni (Rev) Fran(cesco) Mallia, Arċipriet u Parroku tal-Floriana, u fi tmiem it-talb tal-funeral (immexxija ) mir-Rev. Dun A. Portelli Isqof tit(ulari) ta' Selinunte, indifen fil-qabar N18 Comp. A Sect H. Div. Punent.
Fil-ġenb taħt isem Dyer wieħed isib in-nota li turi l-kawża eżatta tal-mewt, kif kien isir anki għal min imut b'kawżi naturali: **vulnus in capite ex armis igneis** jiġifieri **ferita fir-ras minn arma tan-nar.**
Huwa ċar li l-Arċipriet Francesco Mallia, bil-kliem deskrittiv li uża fir-reġistrazzjonijiet ta' dawn l-imwiet li ma ssibux f'okkorrenzi ta' mwiet oħra, ried irodd l-akbar ġieħ lil dawn il-Maltin li tilfu ħajjithom waqt rewwixta għad-drittijiet tal-poplu Malti u jikkundanna b'mod daqstant ċar u għall-posterita', anki billi identifika lir-reġiment speċifiku li spara fuq id-dimostranti, lill-kolonizżaturi Ingliżi.
B'hekk rajna li permezz ta' Sir Filippo Sceberras u permezz ta' uħud mill-maqtula tas-Sette Giugno, il-Floriana u l-parroċċa tagħha għandha l-istorja tagħha x'tirrakonta fir-rigward ta' dan l-avveniment storiku u mdemmi fil-mixja ta' pajjiżna lejn il-kisba tas-sovranità sħiħa tiegħu.


Anno millesimo nongentes: decimonono (1919)
die septima (7) Junii
Laurentius, annor: 17, filius caelibs Henrici Dyer
et Euphemiae Galea conj: ortus et degens Victoriosae,
intuendis patris juribus, inermis, occubuit igne
armorum militum Anglorum de Cohorte West York-
shire Vallettae in Platea S. Georgii, Extrema Unctione
munitus. Corpus ejus ab Hospitio Centrali Florianae,
perendie postmeridiem una cum aliis duobus eodem
fato percussis, sequutum multitudine nimis in-
genti populi, delatum fuit in Coem: D.B.M.V. a me Fran.
Mallia Archip: et Parocho Florianae, et persolutis exequiis
a Rmo Dno Fr. A. Portelli O.P. Epo tit. Selinontis, humatum
fuit in sepo N18 Comp. A. Sect H. Div. Ponente.

**L-okkorrenza fuq Wenzu Dyer fir-Reġistru Parrokkjali**

**Noti**

1. Hawnhekk ma jridx jinftiehem li l-popolazzjoni tal-Floriana, f'dak iż-żmien kienet biss ta' 1,249 ruħ iżda li mill-popolazzjoni kollha tal-Floriana kien hemm parti minnha, jiġifieri dawn il-1,249 ruħ, li kienu qed jgħixu f'kundizzjonijiet mill-agħar, f'241 kamra. Il-popolazzjoni tal-Floriana fl-1891, li toħroġ minn ċensiment li sar proprju f'dik l-istess sena kienet ta' 6,575.

2. L-involviment tas-Civic Committee joħroġ mill-ktieb ta' Farrugia Randon u mill-gazzetta 'Il-Furjana' (Vol. 11, No. 16, April-Ġunju, 1964 u Vol. II, No. 31 Lulju-Settembru, 1967) għax stranament Tonna fil- 'Final Focus on Floriana' ma jsemmi xejn fuq ir-rwol tas-Civic Committee f'din il-materja minkejja li fil-ktieb tiegħu dejjem ħa l-okkażjoni, kull meta kien il-każ, li jippubliċizza l-ħidma u l-inizjattivi ta' dan il-kumitat ċiviku. Anzi Tonna jgħid li l-inizjattiva biex isir il-monument ġiet minn Sir Luigi Preziosi, filwaqt li G.V.Bilocca, Segretarju tal-Floriana Civic Committee fir-rapport ta' ħidma ta' dan il-kumitat għas-sena 1963 jgħid li kien s-Civic Committee li avviċina lil Preziosi biex jassumi l-presidenza tas-sotto-kumitat u dan "laqa' din it-talba mill-ewwel".

**Bibljografija u Riferenzi**

Farrugia Randon, Robert, *Sir Filippo Sceberras: his life and times* (Malta, 1994)
Frendo, Henry, *Ir-rivoluzzjoni Maltija ta' l-1919 : ħarsa mill-qrib lejn il-ġrajjiet storiċi tas- "Sette Giugno"* (Malta, c. 1970) Il-Furjana.
*Reġistri tal-Magħmudijiet u tal-Mejtin tal-Knisja Parrokkjali u Arċipretali ta' San Publju Floriana* Tonna, Emmanuel S., *Final Focus on Floriana : a collection of essays* (Malta, 1979)

**Ħajr**
***Il-Wisq Reverendu Richard Borg, Arċipriet tal-Floriana.***
***Is-Sur Anthony Mangion B.D., Lic.D., M.A. (Sheff.)***